Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2025/0022(COD)

2.5.2025

EMENDI
1 - 10

Abbozz ta' rapport
Johan Van Overtveldt
(PE770.091v01-00)

Emenda tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 fir-rigward ta' ċiklu ta' saldu iqsar fl-Unjoni

Proposta għal regolament
(COM(2025)0038 – 2025/0022(COD))

Emenda 1
Fabio De Masi

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Perjodi itwal ta' saldu għal tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli jżidu r-riskji lill-partijiet tat-tranżazzjoni u jnaqqsu l-opportunitajiet għax-xerrejja u l-bejjiegħa biex jidħlu fi tranżazzjonijiet oħra. Għal dawk ir-raġunijiet, ħafna ġuriżdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi qassru l-perjodu ta' saldu għal jum ta' negozju wieħed wara n-negozjar ("T+1"), jew jinsabu fil-proċess li jqassruh, jew qed jippjanaw li jqassruh. Madankollu, il-bidla globali għal perjodi iqsar ta' saldu qed toħloq allinjamenti ħżiena bejn is-swieq finanzjarji tal-Unjoni u dawk globali. Dawk l-allinjamenti ħżiena se jkomplu jiżdiedu meta aktar pajjiżi jmorru għas-saldu T+1 u jżidu l-kost ikkawżat minn tali allinjamenti ħżiena għall-parteċipanti fis-suq tal-Unjoni.	(2) Perjodi itwal ta' saldu għal tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli jżidu r-riskji lill-partijiet tat-tranżazzjoni u jnaqqsu l-opportunitajiet għax-xerrejja u l-bejjiegħa biex jidħlu fi tranżazzjonijiet oħra. Għal dawk ir-raġunijiet, ħafna ġuriżdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi qassru l-perjodu ta' saldu għal jum ta' negozju wieħed wara n-negozjar ("T+1"), jew jinsabu fil-proċess li jqassruh, jew qed jippjanaw li jqassruh. Madankollu, il-bidla globali għal perjodi iqsar ta' saldu qed toħloq allinjamenti ħżiena bejn is-swieq finanzjarji tal-Unjoni u dawk globali. Dawk l-allinjamenti ħżiena se jkomplu jiżdiedu meta aktar pajjiżi jmorru għas-saldu T+1 u jżidu l-kost ikkawżat minn tali allinjamenti ħżiena għall-parteċipanti fis-suq tal-Unjoni. ***Barra minn hekk, f'xi swieq internazzjonali importanti ċ-ċiklu tas-saldu diġà tqassar aktar għal T+0 filwaqt li l-infrastruttura Target2-Securities tal-Bank Ċentrali Ewropew saħansitra topera fuq bażi f'ħin reali.***

Or. en

Emenda 2
Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Ċikli ta' saldu iqsar jistgħu jwasslu għal ġestjoni tal-flus aktar ikkumplikata għal negozjanti b'komponent ta' kambju, peress li s-swieq

tal-kambju jaħdmu fuq saldu ta' jumejn.

Or. en

Emenda 3
Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) Ċikli ta' saldu iqsar iqassru l-perjodu ta' żmien biex jiġu solvuti l-iżbalji tal-ipproċessar, inkluża tieqa iqsar għall-akkwist tal-likwidità mis-suq tas-self ta' titoli biex jiġu koperti pożizzjonijiet qosra, li jista' jkollhom impatt partikolari għall-istokks inqas likwidi u għall-bejgħ bin-nieqes li jseħħ tard fil-jum tan-negozjar.

Or. en

Emenda 4
Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Madankollu, hekk kif is-suq jadatta għar-reġim il-ġdid ta' saldu iqsar, jista' jkun hemm żieda inizjali fin-negozjar ittardjat u fallut, li jinvolvi riskju serju ta' likwidità u jżid b'mod sinifikanti l-kostijiet. Dan imbagħad jista' jwassal għal multi regolatorji skont is-CSDR u kostijiet punittivi tax-xiri sfurzat imposti mill-kmamar tal-ikklerjar, li jiġu kkumpensati mill-fornituri tal-likwidità billi jikkwotaw prezzijiet usa', li jmur kontra l-għan li s-swieq kapitali Ewropej isiru aktar kompetittivi.

Or. en

Emenda 5
Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Għalhekk huwa xieraq li tiġi introdotta emenda mmirata għar-Regolament (UE) Nru 909/2014 sabiex iċ-ċiklu tas-saldu obbligatorju attwali jitqassar għal jum wara li jsir in-negozjar. Tali tqassir taċ-ċiklu tas-saldu ma ***jipprevjenixlid-depożitorji*** ċentrali tat-titoli milli jsaldaw it-tranżazzjonijiet b'mod volontarju fl-istess data bħad-data tan-negozjar, fejn ikunu teknoloġikament ***kapaċi***.	(4) Għalhekk huwa xieraq li tiġi introdotta emenda mmirata għar-Regolament (UE) Nru 909/2014 sabiex iċ-ċiklu tas-saldu obbligatorju attwali jitqassar għal jum wara li jsir in-negozjar. ***Dak iċ-ċiklu ta' saldu obbligatorju jenħtieġ li ma jkunx applikabbli għal tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli kif definit fl-Artikolu 3(11) tar-Regolament (UE) 2015/2365 minħabba n-natura mhux standardizzata ta' dan it-tip speċifiku ta' tranżazzjonijiet.*** Tali tqassir taċ-ċiklu tas-saldu ma ***jipprevjenix lid-depożitorji*** ċentrali tat-titoli milli jsaldaw it-tranżazzjonijiet b'mod volontarju fl-istess data bħad-data tan-negozjar, fejn ikunu teknoloġikament ***fattibbli***.

Or. en

Emenda 6
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) It-tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli jippermettu lill-parteċipanti fis-suq jimmaniġġjaw il-ħtiġijiet tagħhom ta' likwidità u finanzjament b'mod flessibbli. Ix-xejriet tas-suq jindikaw użu dejjem akbar ta' dan it-tip ta' tranżazzjonijiet fiċ-ċentri tan-negozjar. Minħabba n-natura mhux standardizzata ta' dan it-tip speċifiku ta' tranżazzjonijiet u b'mod partikolari l-perjodi tas-saldu mhux

standardizzati li jista' jkun hemm bżonn li jiġu miftiehma mill-partijiet għal tali tranżazzjonijiet biex jilħqu l-objettivi tagħhom, u biex jiġi evitat li tiġi skoraġġuta l-eżekuzzjoni tagħhom fiċ-ċentri tan-negozjar, dawn it-tranżazzjonijiet jenħtieġ li jiġu eżentati mir-rekwiżit taċ-ċiklu tas-saldu T+1. Madankollu, fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' akkwist bil-patt ta' rivenditа u tranżazzjonijiet ta' vendità bil-patt ta' riakkwist, biex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' ċirkomvenzjoni tar-rekwiżit taċ-ċiklu tas-saldu T+1, jenħtieġ li eżenzjoni tapplika biss jekk dawk it-tranżazzjonijiet jiġu ddokumentati bħala operazzjonijiet uniċi magħmula minn żewġ tranżazzjonijiet marbuta. Tranżazzjonijiet ta' akkwist bil-patt ta' rivenditа u tranżazzjonijiet ta' vendità bil-patt ta' riakkwist mhux dokumentati jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala tranżazzjonijiet regolari ta' titoli u għalhekk jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rekwiżit taċ-ċiklu tas-saldu T+1. Barra minn hekk, it-tranżazzjonijiet ta' self b'marġni huma diġà esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżit, peress li ma jinvolvux tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli, u għalhekk jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

Or. en

Emenda 7
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 4b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4b) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 jipprevedi diversi miżuri biex jiġu indirizzati l-fallimenti tas-saldu, inklużi penali fi flus imposti fuq parteċipanti inadempjenti. Il-kalkolu ta' dawk il-penali

fi flus huwa ddeterminat mill-parametri speċifikati fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389[1a]. Il-Kummissjoni hija mistennija ssegwi l-iżviluppi tas-suq u r-rieda tal-industrija li tikkonforma mas-saldu T+1 u tikkunsidra kif xieraq jekk hemmx riskju sinifikanti li ċ-ċaqliq minn ċiklu ta' saldu T+2 għal T+1 jista' jwassal għal żieda materjali fil-fallimenti tas-saldu. Meta jiġi identifikat tali riskju, il-Kummissjoni tista', fejn meħtieġ, tikkunsidra li taġġusta temporanjament ir-Regolament Delegat (UE) 2017/389 kif xieraq, jew li tieħu kwalunkwe miżura xierqa oħra fil-kamp ta' applikazzjoni tas-setgħat stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 909/2014.

[1a] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/389 tal-11 ta' Novembru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-parametri għall-kalkolu ta' penali fi flus għal fallimenti tas-saldu u l-operazzjonijiet tas-CSDs fi Stati Membri ospitanti (ĠU L 65, 10.3.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2017/389/oj).

Or. en

Emenda 8
Fabio De Masi

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Il-Kummissjoni għandha tesplora aktar il-fattibbiltà li fil-futur iċ-ċiklu tas-saldu jitqassar għal T+0. Għalhekk, jenħtieġ li tirrieżamina dan ir-Regolament mhux aktar tard minn 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu biex tiżgura li r-regolamentazzjoni u l-infrastrutturi tas-

suq fl-Unjoni jallinjaw mal-kamp ta' applikazzjoni u l-pass dejjem akbar tas-swieq finanzjarji globali u l-aħjar prattiki ta' reġimi regolatorji internazzjonali oħra. Ċiklu ta' saldu ta' T+0 diġà huwa teknikament fattibbli u jista' jiġi ffaċilitat aktar permezz ta' innovazzjonijiet bħat-teknoloġija ta' reġistru distribwit filwaqt li jiġu żgurati s-sikurezza tad-data u t-trasparenza. Tqassir ulterjuri taċ-ċiklu tas-saldu jnaqqas ir-riskji ta' skemi ta' kummerċ illegali u kollużivi bħat-tneħħija tad-dividendi ("Cum-Ex").

Or. en

Emenda 9
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fir-rigward ta' transazzjonijiet f'titoli trasferibbli msemmija fil-paragrafu 1 li huma eżegwiti f'ċentri tan-negozjar, id-data prevista tas-saldu ma għandhiex tkun aktar tard mill-ewwel jum ta' xogħol wara li jkun seħħ in-negozju. Dak ir-rekwiżit ma ***għandux*** japplika ***għal transazzjonijiet li huma negozjati privatament iżda jiġu eżegwiti f'ċentri ta' negozjar, għal transazzjonijiet li jiġu eżegwiti bilateralment iżda jiġu rrappurtati lil ċentru ta' negozjar jew għall-ewwel tranżazzjoni fejn it-titoli trasferibbli kkonċernati huma soġġetti għar-reġistrazzjoni inizjali f'format ta' entrata fil-kotba skont l-Artikolu 3(2)..***	2. Fir-rigward ta' transazzjonijiet f'titoli trasferibbli msemmija fil-paragrafu 1 li huma eżegwiti f'ċentri tan-negozjar, id-data prevista tas-saldu ma għandhiex tkun aktar tard mill-ewwel jum ta' xogħol wara li jkun seħħ in-negozju. Dak ir-rekwiżit ma ***għandu*** japplika ***għall-ebda wieħed mill-każijiet li ġejjin:***
	(a) tranżazzjonijiet li huma nnegozjati privatament iżda jiġu eżegwiti f'ċentru ta' negozjar;
	(b) tranżazzjonijiet li jiġu eżegwiti bilateralment iżda jiġu rrappurtati lil

ċentru ta' negozjar;

(c) l-ewwel tranżazzjoni fejn it-titoli trasferibbli kkonċernati huma soġġetti għar-reġistrazzjoni inizjali f'forma ta' entrata fil-kotba skont l-Artikolu 3(2);

(d) tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli, kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (11), tar-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1b].

[1b] Ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar it-trasparenza ta' transazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u l-użu mill-ġdid u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/2365/oj).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Eżenzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli mill-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżit T+1.

Emenda 10
Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fir-rigward ta' transazzjonijiet f'titoli trasferibbli msemmija fil-paragrafu 1 li huma eżegwiti f'ċentri tan-negozjar, id-data prevista tas-saldu ma għandhiex tkun aktar tard mill-ewwel jum ta' xogħol wara li jkun seħħ in-negozju. Dak ir-rekwiżit ma għandux japplika għal ***transazzjonijiet*** li huma negozjati privatament iżda jiġu eżegwiti f'ċentri ta' negozjar, għal	2. Fir-rigward ta' transazzjonijiet f'titoli trasferibbli msemmija fil-paragrafu 1 li huma eżegwiti f'ċentri tan-negozjar, id-data prevista tas-saldu ma għandhiex tkun aktar tard mill-ewwel jum ta' xogħol wara li jkun seħħ in-negozju. Dak ir-rekwiżit ma għandux japplika għal ***tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (11), tar-***

transazzjonijiet li jiġu eżegwiti bilateralment iżda jiġu rrappurtati lil ċentru ta' negozjar jew għall-ewwel tranżazzjoni fejn it-titoli trasferibbli kkonċernati huma soġġetti għar-reġistrazzjoni inizjali f'format ta' entrata fil-kotba skont l-Artikolu 3(2)**.**	***Regolament (UE) 2015/2365[1a], għal tranżazzjonijiet*** li huma negozjati privatament iżda jiġu eżegwiti f'ċentri ta' negozjar, għal ***tranżazzjonijiet*** li jiġu eżegwiti bilateralment iżda jiġu rrappurtati lil ċentru ta' negozjar jew għall-ewwel tranżazzjoni fejn it-titoli trasferibbli kkonċernati huma soġġetti għar-reġistrazzjoni inizjali f'format ta' entrata fil-kotba skont l-Artikolu 3(2).
	[1a] Ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar it-trasparenza ta' transazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u l-użu mill-ġdid u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/2365/oj).
	Or. en